Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 2**
**It-Tlieta 09 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-4.30 p.m.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Vici Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

02.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qaal li kulhadd kien prezenti u ma kienx hemm l-ittri ta' apoloġija .

**2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

02.2.01 Il-Minuti ta' Seduta L8-01 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati, unanimament.

**2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

2.3.01 Ma kienx hemm Kommunikazzjoni.

**2.4 Assenjazzjoni ta' responsabbilitajiet lil kunsilliera kif elenkati fl-Erbatax-il Skeda (33A.1) ohrajn skont il-bzonnijiet tal-lokalita (33A.3).**

2.4.01 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai prezentat fuq il-Mejda u qasmet kopja ta' dokument gharfet lil kunsilliera prezenti fuq ir-responsabilitajiet assenjati lil kull kunsillier.

2.4.02 **Ambjent / Dawl ta'Gonna , Manutenzjoni ta'Ġonna , Funtani, Bust u Monumenti / Postijiet pubbliċi.**

Alfred Farrugia.

- Il-ġbir u t-tneħħija ta' kull skart minn ġonna u postijiet pubbliċi.
- Il-knis u t-tindif ta' kull skart minn ġonna u postijiet pubbliċi.
- Iż-żamma tal-indafa u l-manutenzjoni tal-bramel taż-żibel u ta' reċipjenti oħra għad-depożitu temporanju għall-ġbir ta' skart go ġonna u postijiet pubbliċi u jkun aċċertat li dawn huma kollha aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti.
- li ssir dak kollu possibbli biex jinżammu fi stat tajjeb ta 'manutenzjoni il ġonna u zoni ohra pubbliċi u biex meta jkun hemm bżonn jitthawlu il pajanti u siġar go Central strips ,Round about , bankini , Monument tal haddiema u fejn jista jkun hemm aktar bżonn ta' tisbieh. Sa fejn hu possibbli dawn ghandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti.

- Li josserva u jipproponi miżuri biex l-ambjent naturali u urbana tal-lokalità jkun imħares.
- li jittieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex ikun hemm użu aktar effiċjenti tal-enerġija,
- li ikun hemm inizjattivi biex issiru proposti u implimentazzjoni ta miżuri għat-tħaris tal-klima.
- li ssir dak kollu possibbli biex jinżammu fi stat tajjeb ta 'manutenzjoni id-dawl fil ġonna u l-postijiet pubbliċi.

2.4.03 **Anzjani**

Romina Galea

· Tieħu ħsieb li bħala parti minn skema nazzjonali l Kunsill jipprovdi flimkien ma' kull awtorità kompetenti għat-twaqqif, żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' Ċentri ta' Matul il-Jum għall-Anzjani

· Tieħu ħsieb attivitajiet għall anzjani

· Tieħu ħsieb attivitajiet relatati ma għeluq is snin għall anzjani

· Tieħu ħsieb li bħala parti minn skema nazzjonali jew tipproponi biex l Kunsill jipprovdi flimkien ma' kull awtorità kompetenti inizjattivi ġodda għall servizzi li jistgħu jgħinu lill-anzjani

· Tieħu ħsieb li bħala parti minn skema nazzjonali jew tipproponi biex l Kunsill jipprovdi sessjonijiet ta informazzjoni flimkien ma' kull awtorità kompetenti dwar servizzi jew affarijiet oħra li jistgħu jkunu ta interess jew jgħinu lill-anzjani

· Tieħu ħsieb fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni biex tagħmel kull koordinazzjoni biex Il-Kunsill jaħdem ma' anzjani.

· Tieħu ħsieb taħdem mill qrib mal Għaqdiet tan-nanniet.

2.4.04 **Edukazzjoni**

Judy Sciberras

· Tieħu ħsieb fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni jew tipproponi u tagħmel koordinazzjoni ta' ħidma fejn Il-Kunsill ikun jista' jgħin jew jaħdem viċin ma għaqdiet kompetenti li jieħdu ħsieb tfal u żgħażagħ bi problemi ta' litteriżmu

· Tieħu ħsieb tagħmel koordinazzjoni u ħidma għall inizjattivi bi ftehim biex il-kunsill ikun jista' jaħdem fuq il-kunċett ta' life-long learning joffri servizzi għal dan il-għan fil-lokalità stess għar -residenti kollha, speċjalment dawk adulti u anzjani.

2.4.05 **Indafa / Servizzi / Integrazzjoni / Komunitajiet**

Margaret Baldacchino Cefai

· Jiġi provdut il-knis u miżmuma fi stat tajjeb ta'ndafa toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill

· Qtugħ ta' ħaxix ħażin fit- toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal- Kunsill

· Tindif u ħasil ta' toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill

· Il-ġbir u t-tneħħija ta' kull skart

· iż-żamma tal-indafa u l-manutenzjoni tal -konvenjenzi pubbliċi kollha u taċċerta li dawn huma kollha aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti

· iż-żamma tal-indafa ,u l-manutenzjoni tal-bramel taż-żibel u ta' reċipjenti oħra għad-depożitu temporanju għall-ġbir ta' skart fit-toroq u taċċerta li dawn huma kollha aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti

· Tieħu l-passi kollha neċessarji sabiex il-Kunsill jassigura maniġġjar tajjeb tal-iskart

· Tieħu ħsieb biex il-kunsill bħala parti minn skema nazzjonali jamministra libreriji lokali u tara li dawn ikunu, sa fejn hu possibbli, aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti;

· Tieħu ħsieb biex il-kunsill jipprovdi servizz ta' librerija fil-lokalità;

· Tieħu ħsieb biex il-kunsill ikun jista' jidħol f'arranġamenti ma' kwalunkwe aġenzija jew korp pubbliku jew dipartiment tal-Gvern għad-delega lill-kunsill lokali ta' kwalunkwe funzjonijiet ta' dik l-aġenzija, dak il-korp pubbliku jew dipartiment: Iżda tali delega għandha biss tidħol fis-seħħ wara li l-Ministru jkun għamel l-ordni rilevanti fil-Gazzetta;

· Tieħu ħsieb biex il-kunsill ikun jista' jidħol f'arranġamenti biex jaqdi kull funzjoni oħra li tkun delegata lilu mill-Gvern permezz tal-Ministru bil-pubblikazzjoni ta' ordni fil-Gazzetta;

· Flimkien mal-kunsillier responsabli tieħu ħsieb biex tagħmel dak li hemm bżonn biex il-kunsill ikollu rappreżentanza ta'residenti biex ikun jista' jaqdi aħjar lil Komunità tas-Swatar.

· Tieħu ħsieb relazzjonijiet u koordinazzjoni biex il-kunsill ikun jista' jidħol f'arranġamenti ma NGO's, għaqdiet u Entitajiet relatati.

2.4.06 **Infrastruttura / Proġetti / Siti ta kostruzzjoni / Traffiku / Ghajn tal-Hasselin / Monument GWU / Komunita Swatar.**

Emanuel Brincat

Fir-rigward ta' kwalunkwe triq, għajr triq li r-responsabbiltà fir-rigward tagħha hija vestita f'Infrastruttura Malta skont it-termini tal-Att tal-2018 dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha, iż-żamma u l-manutenzjoni jew it-titjib tal-istess toroq Iżda l-manutenzjoni relatata ma' kwalunkwe triq imsemmija f'dan il-paragrafu, tinkludi

· tiswija tal-irqajja f'toroq residenzjali taht ir-responsabiltà tal Kunsill

· kisi mill-ġdid tal-wiċċ f'toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal Kunsill iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni ta' triq.

· Jipproponi miżuri relatati mal-manutenzjoni u t-tiswija ta' toroq lokali fil-lokalità,

· Jipproponi miżuri relatati mal-manutenzjoni u t-tiswija ta' żoni pedonali fil-lokalità,

· Jipproponi miżuri relatati mal-manutenzzjoni u t-tiswija ta' żoni ta' parkeġġ fil-lokalità,

· B'konsultazzjoni mal-kunsill u flimkien mas -Sindku jew b'delega mis-Sindku jieħu ħsieb jagħmel rakkomandazzjonijiet lil kwalunkwe awtorità kompetenti jew aġenzija għal jew fir-rigward ta' kwalunkwe skema tal-ippjanar jew ta' bini.

· Josserva u jipproponi fil-konfini ta' kull pjan nazzjonali, li joħroġ linji ta' gwida li għandhom jitħarsu biex

a. tinżamm fi stat tajjeb,
b. tkun restawrata,
c. iddisinjata
d. mibdula

l-faċċata ta' kull bini jew bini ieħor jew kull parti minn bini li normalment tkun tidher mit-triq u l-materjal użat, reklami u faċċati ta' ħwienet,

· Jieħu ħsieb jipproponi biex il-kunsill jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb sinjali stradali skont standards nazzjonali u internazzjonali f'toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal- Kunsill

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni biex il-kunsill jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb marki stradali adegwati, skont standards nazzjonali u internazzjonali f'toroq residenzjali taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni biex il-kunsill jipprovdi tindif ta' sinjali stradali

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni biex il-kunsill jipprovdi tindif ta' dwal stradali,

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni ta' miżuri relatati mal-manutenzjoni u t-tiswija ta' sinjali stradali fil-lokalità,

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni ta' miżuri relatati mal-manutenzjoni u t-tiswija ta' marki stradali fil-lokalità,

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni għall-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' xelters tal-linja skont standards u speċifikazzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti għat-trasport fil-lokalità

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni mal entitajiet biex il-kunsill ikun jista' jipprovdi żoni pedonali

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel koordinazzjoni mal entitajiet biex il-kunsill ikun jista' jipprovdi parkeġġ

· Flimkien mas -Sindku jew b'delega mis-Sindku jieħu ħsieb il-co-ordinazzjoni ta' proposti mill kunsill u fejn applikabbli kull konsultazzjoni minn kwalunkwe awtorità kompetenti jew aġenzija mal kunsill qabel ma l-awtorità kompetenti jew aġenzija jwettqu xi tibdil fl-iskemi tat-traffiku li jkunu jaffettwaw direttament lil-lokalitlità;

· Jieħu ħsieb flimkien mas-segretarju Eżekuttiv jipproponi u jagħmel koordinazzjoni mal-entitajiet biex il-kunsill ikun jista' iżomm dixxiplina fejn ikun hemm ksur tar-regolamenti tal-bini

· Jieħu ħsieb flimkien mas-segretarju Eżekuttiv jipproponi u jagħmel koordinazzjoni mal l-żviluppaturi u kuntratturi għall permessi relatati mal bini.

· Jieħu ħsieb flimkien mas-segretarju Eżekuttiv biex jagħmel koordinazzjoni mal-iżviluppaturi u kuntratturi biex issiru spezzjonijiet tal-bankini u toroq qabel ma jkunu awtorizzat il-ħlas lura tal- garanzija ma' permessi relatati mal-bini.

· Flimkien mal-kunsilliera responsabli jieħu ħsieb biex jagħmel dak li hemm bżonn biex il-kunsill jaqdi aħjar lil-Komunità tas-Swatar

2.4.07 **Innovazzjoni / Ħarsien tal-annimali**

Charles Selvaggi

· Jipproponi u jagħmel koordinazzjoni biex il-Kunsill jippromovi politika imprenditorjali fejn il-Kunsill jara li jqarreb lejn xulxin l-interessi tas-sidien tan-negozji

· Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jara kif joħloq attivitajiet fejn jippromovi aktar kummerċ fil-lokalità tiegħu

· Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex Il-Kunsill jara kif jiffaċilita kull proċedura tal-Kunsill biex l-attività kummerċjali taħdem b'inqas burokrazija u tkun megħjuna ittejjeb il-kwalità tas-servizz tagħha lil-konsumaturi;
· Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill joħloq organizzazzjoni u upkeep taz-zoni eżistenti tal-qtates
· Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jieħu miżuri skond il-liġi għall kontroll tal-ħamiem u tajr ieħor
· Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jagħmel zoni addattati għal ħruġ tal-klieb.
· Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jagħmel Dog bins fejn hemm l-aktar bżonn.
· Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jagħmel introduzzjoni ta' servizzi relatati

2.4.08 **Kultura / Dawl ta'Toroq**

Jean Claude Borg

· Jieħu ħsieb flimkien mal-kunsillier responsabbli minn attivitajiet sportivi ħalli jitjiebu r- relazzjonijiet u issiru laqgħat ta' kordinazzjoni bil għan li jinżamm kalendarju kulturali u sportiv aġġornat bejn l-għaqdiet u l-kunsill.

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill iħares l-identità lokali u għalhekk jieħu dawk l-inizjattivi neċessarji flimkien mal kunsilliera responsabbli sabiex iħarsu l-wirt storiku
· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill iħares l-identità lokali permezz ta dawk l-inizjattivi neċessarji sabiex iħarsu l-wirt kulturali tal-lokal

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill iħares l-identità lokali permezz ta dawk l-inizjattivi neċessarji relatata ma'tradizzjonijiet u l-folklor tal-lokal;
· fil-qafas ta' regolamenti li jsiru mill-Ministru Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill jagħti għajnuna lill-artisti mill-lokal tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw it-talenti tagħhom;
· fil-qafas ta' regolamenti li jsiru mill-Ministru Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill jagħti għajnuna lill-mużiċisti mill-lokal tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw it-talenti tagħhom;
· fil-qafas ta' regolamenti jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill jorganizza attivitajiet kulturali li jippromwovu l-lokalità b'kull mod;
- li ssir dak kollu possibbli biex jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni d-dawl fit-toroq tal-lokalita.
- li jipproponi u jikkordina fejn hemm bżonn ssir aktar dawl fil-lokalita.

2.4.09 **Qassam Soċjali / Persuni B'diżabilità.**

Maurice Agius

· Fil-każ ta' bini miftuħ għall-pubbliku, flimkien mal-kunsillier responsabbli jara li dawn ikunu, sa fejn hu possibbli, aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti;
· Fil-każ ta' bankini u toroq u postijiet pubbliċi , flimkien mal-kunsilliera responsabbli jara li dawn ikunu, sa fejn hu possibbli, aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti;

· Fil-każ ta' bżonnijiet u permessi speċjali fit- toroq , flimkien mal-kunsillier responsabbli jagħmel kordinazzjoni mal-Amministrazzjoni u jara li dawn ikunu approvat mill-awtorità kompetenti.
· fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni, jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsilli jippromwovi inizzjattivi ta' politika soċjali fil-lokalità .

· fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jaħdem ma' persuni bi bżonnijiet speċjali
· fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill jaħdem ma' persuni bi problemi ta' saħħa mentali

· fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill ikun qed jaħdem jew jippromwovi għall aktar servizzi ta'-kura fil-komunità.
· fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill ikun qed jaħdem fuq inizjattivi fil-qasam tal-kura preventiva.

· Jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-Kunsill ikun qed jgħin liċ-ċittadini billi jipprovdi, meta applikabbli, flimkien ma' xi awtorità kompetenti,

· tagħrif dwar il-jeddijiet taċ-ċittadini b'mod ġenerali,
· magħdud tagħrif dwar jeddijiet tal-konsumatur,

a. trasport,
b. komunikazzjonijiet,
c. faċilitajiet ta' turiżmu,
d. taxxi,
e. sigurtà soċjali,
f. saħħa pubblika
g. ħwejjeġ oħra ta' siwi u interess pubbliku;

2.4.10 **Sports / Attivitajiet fiżiċi / Zghazagh / tfal**

Nicholas Joseph Chircop

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il kunsill jagħmel u jinżammu fi stat tajjeb u manutenzjoni playgrounds tat-tfal u jara li dawn ikunu, sa fejn hu possibbli, aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti;

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il kunsill jagħmel u jinżammu fi stat tajjeb u manutenzjoni ta'ċentri ta' sport u jara li dawn ikunu, sa fejn hu possibbli, aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti;

· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il kunsill jagħmel u jinżammu fi stat tajjeb u manutenzjoni jew ssib faċilitajiet li sservu bħala ċentri divertiment ieħor u jara li dawn ikunu, sa fejn hu possibbli, aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti;
· fil-qafas ta' regolamenti li jsiru mill-Ministru, Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il kunsill jagħti għajnuna lill-sportivi mill-lokal tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw it-talenti tagħhom.

· bi ftehim mal-awtoritajiet edukattivi Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il kunsill jagħmel l-aħjar użu tal-faċilitajiet li jeżistu fl-iskejjel fil-lokalità wara l-ħin normali tal-iskola, bħal faċilitajiet sportivi,
· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il kunsill jorganizza attivitajiet sportivi jew fiżiċi għar-residenti ta' kull età.
· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il kunsill jorganizza attivitajiet sportivi jew fiżiċi għar-residenti ta' kull età li normalment ma jsirux mill-għaqdiet sportivi tal-lokal.
· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il-kunsill jaħdmu mill-qrib mal-għaqdiet sportivi tal-lokal,
· Jieħu ħsieb jipproponi biex fejn hu possibbli l-kunsill jipprovdi faċilitajiet sportivi tajbin
· Jieħu ħsieb jipproponi u jagħmel kordinazzjoni biex il kunsill jipprovdi protezzjoni għat-tfal tal-iskola fil-viċinanza tal-iskejjel
· Jieħu ħsieb flimkien mal-kunsillier responsabbli għall kultura ħalli jitjiebu ir-relazzjonijiet u ssiru laqgħat ta kordinazzjoni bil- għan li jinżamm kalendarju kulturali u sportiv aġġornat bejn l-għaqdiet u l-kunsill.

2.4.11 **Direzzjoni u Delega tas-Sindku.**

· Il-proposti għandhom ikunu dettaljati u jinkludu programm ta' xogħol u fejn hemm bżonn stimi ta'nfiq
· Kull Kunsillier għandu jagħmel lista ta'proposti u jipprepara pjan ta'ħidma dettaljat biex jiġi kunsidrat mill kumitat finanzjarju qabel ma jitla għall diskussjoni fil-Kunsill.
· Il-kunsilliera għandhom jagħmlu il-proposti tagħhom wara li tkun saret konsultazzjoni mas-Sindku u l-amministrazzjoni.
· Ċertu responsabiltajiet huma relatati għalhekk il-kunsilliera responsabbli għandhom jagħmlu konsultazzjoni bejniethom , is-Sindku u l-amministrazzjoni

· Bi preparazzjoni għal- laqgħa pubblika li trid ssir sa' 30 ta'Settembru l-kunsilliera huma mitluba biex ilestu l-programm sa' 30 ta'Awissu.
· Il-Kumitat tal-Finanzi jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lil kunsill sa' 12 ta'Settembru
· Il-pjan ta'Ħidma għal- ħames snin jiġi diskuss fl-ewwel laqgħa tal-kunsill biex ikun jista' jiġi propost komplut lil pubbliku qabel ma jiġi modifikat jew approvat.

2.4.12 **Kumitat Finanzi (Skond l-att)**

Margaret Baldacchino Cefai
Charles Selvaggi
Accountant
Segretarju Eżekuttiv
Joe DeMarco

2.4.13 **Membri tal-Bord ghall evalwazzjoni ta'sejhiet publici**

Margaret Baldacchino Cefai
Charles Selvaggi

Nicholas Joseph Chircop.
Kunsillier responsabbli għas-Suġġett
Skond l-esiġenza.
Espert fis-suġġett Estern.
Avukat.
Awditur.

2.4.15 **Raprezentanza Regjun.**
Margaret Baldacchino Cefai
Romina Galea.

2.4.16 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lll kunsilliera preżenti li huwa mportanti li kull ħaġa relatata ma' ħidma ta'kuljum għanda tiġi mgħoddija mill-aktar fiss lill-amministrazzjoni fuq l-email ġeneriku tal-kunsill filwaqt li l-amministrazzjoni se tagħmel l-stess ħalli jkun hemm koordinazzjoni aħjar filwaqt li talab li anke kull suġġett ieħor sakemm ma jkunx ta'natura personali għandu jintuża dan l-email biss li xorta waħda ikun qed jasal għand is-Segretarju Eżekuttiv . Dan jevita li jkun hemm ħafna email doppji li jimblokkaw is-sistema. barra mill-kopji tal-leġislatura għall-kunsilli lokali li ġa għadda lil kull kunsillier fis-seduta preċedenti , fil- ġranet li ġejjin se jieħu ħsieb jara u jaghdi kopja ta dawk il-ligijiet u regolamenti relatati ma' xi responsabiltà li jista' jkun hemm bżonn dan biex ikun jista' jassisti aħjar lil kull kunsillier.

2.4.16 Il-Kunsilliera preżenti, ddiskutew u approvaw unanimament.

**2.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

2.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti dwar ilment minn operatur ta'posta li ma tħallix jarma fejn il-każin tal-Banda u talab biex ikun jista' jarma fil-pjazza 5 ta'Ottubru faċċata tal-monument tal-Ħaddiema.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk jistax jinħoloq preċedenti u ħadd ieħor ikun rrid bħalu.
Il-Kunsilliera preżenti, ddiskutew u approvaw li għall din id-darba iżda mhux ghall kull festa dan jista' jarma fiz-zona indikata lilu (parkeġġ qabel il-ħruġ mill-Misraħ) Nhar il-Ħamis 18 u il-Ġimgħa 19 ta'Lulju biss bil-Kundizzjonijiet applikabbli skond ir-regolamenti mal permess ta'Gabbana jew posta.

2.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar sejħa għall applikazzjoni għall fondi biex il-kunsill ikun jista' jipprovdi Newtering fil-lokalita u pproponiet biex lis-Sur Charles Selvaggi jiddiskuti mas-Segretarju Eżekuttiv u jidentifikaw l-aħjar għażla kif il-kunsill ikun jista' japplika u jibbenefika mill-massimu tal- Fondi.
Il-Kunsilliera preżenti, ddiskutew u approvaw unanimament.

2.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar SPI.SCI.10.2019 - Skema Finanzjarja sejħa għall applikazzjoni għall fondi biex il-kunsill ikun jista' jagħmel żvilupp ta' Librerija Lokali jipprovdi aktar servizzi innovattivi u ppproponiet biex fiż-żmien qasir li fadal biex din is-sejħa tingħalaq se tikkonsulta mal-librara x jista' jiġi provdut biex ikun hemm l-aħjar għażla kif il-kunsill ikun jista' japplika u jibbenefika mill-massimu tal- Fondi.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

2.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa li kellha mal-periti tal-kunsill dwar il-proġett imħabbar ta' Infrastructure Malta għall Fly over tal-Msida fejn ġew diskussi l-embelishment li jrid ssir f'Misraħ 5 ta'Ottubru minħabba ix-xogħolijiet relatati mal-Proġett. Hawn kompliet tispjega li hemm bżonn ssir rilokazzjoni tal-latrina u xogħol ieħor mal Bandli. Ma dan saru xi proposti għall inklużjoni ta' dog park u talbet lill kunsilliera preżenti biex jekk għandhom xi suġġerimenti dawn jistgħu jagħmluhom għall meta jkun hemm laqgħa segwenti bi pjanti aktar dettaljati.

Charles Selvaggi staqsa jekk hemmx indikazzjoni meta se jibda il-proġett ,Dwar jekk jistax ikun hemm aktar dettalji, dwar kif se jkunu il-parkeġġ u jekk jistgħux ikunu effettwati l-għaqdiet.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li bħala co-ordinatur mal Boċċi Club u Segretarjat għall sport il pjanti tal binja se jkunu inkorporati skond id-disinn tal-flyover biss dawn għadhom qed jiġu diskussi filwaqt li Infrastructure Malta għad trid tapplika fil ġranet li ġejjin mal PA. Dwar l-għaqdiet ħlief tal-boċċi ma jidhirx li hemm xi parti li se tkun minsusa iżda il-Parti tal-Ġnien go Misraħ San Guzepp se jiċkien.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li sa issa għadu ma hemm xejn konkluż u l-periti tal-I.M għad rridu jippreżentaw il-proposti finali għall attenzjoni tal-kunsill.

2.5.04 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar fhiex waslu il-Bankini li għamel il-kuntrattur go Triq Rue D'Argen ,Robert Naudi u il-Baċir
Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li kif kien għarraf fil-laqgħat preċedenti kellu laqgħat mal-perit u anke mal-kuntrattur fejn kien hemm xi affarijiet li jridu jiġu rranġati filwaqt li għandhom jiftehmu data biex jiltaqgħu fuq il-post ħalli dawn jiġu ċċarati u miftehma li se jkunu rranġati.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa b'relazzjoni mal kuntrattur jekk kienx hemm xi risposta mid-dipartiment.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal ġurnata għadu ma kienx hemm risposta iżda kif titlob l-awtorità tiegħu qed jaghamel arranġamenti mal-perit biex ssir il verifika u se jgħarraf lid-dipartiment fuq kollox.

2.5.05 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar id-door numbers go triq S.Lwigi.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li se tieħu ħsieb tara mas-street naming comittee.

2.5.06 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar iċ-ċitazzjoni li ingħata go Triq D'Argen fl-ewwel ġurnata meta kien hemm is-sospensjoni tal-parkeġġ bil hin għax mhux sew kif hawn membri tal-kunsill u residenti xhieda li dawn se jinħafru u din il-persuna xorta kellha tħallas.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal ġurnata ma ġietx risposta iżda se jerga jibgħat reminder għall risposta uffiċjali.

2.5.07 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar l-slipway u ħsejjes u storbju kawżat min xi xogħolijiet li jkun qed ssir fuq id-daghajess.ghalkemm jaf li suppost li għanda ssir laqgħa mal-Kumitat tas-sajjieda biex jiġu diskussi numru ta affarijiet wieħed rrid jara kif dawn ikunu organizzati aħjar minħabba il-proġett tal-prominade.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li slipway mhux boat yard u se tkun rranġata bħala parti mill proġett u l-aħjar li din tkun indirizzata lis-sezzjoni Marittima ta' Trasport Malta

2.5.08 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk il-kunsill jieħux ħsieb inehhi graffiti min ma propjetà privata.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-privat mhux responsabiltà tal-kunsill

2.5.09 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar applikazzjonijiet għall disabled parking jekk dawn huma ghall individwu jew pubbliċi.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li persuni bil-Blu badage jistgħu japplikaw u jingħataw disable parking a diskrezzjoni ta'Trasport Malta filwaqt li l-kunsill bħal fil każ ta'Misraħ 5 ta'Ottubru jista japplika għall waħda komuni go zona pubblika.

2.5.10 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar id-dawl go xatt ta'Xbiex.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ġiet rappurtata mal-ewwel u jistgħu jintalbu aktar dettal mill amministrazzjoni.

2.5.11 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk il-kunsill il-ġdid jaqbilx u hux se jkompli jinsisti fuq residential parking għax ġa la darba lokalitajiet ġirien għandhom ma hux sew li l-lokalita tal-Imsida ma jistax ssir .
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li filwaqt li hija ma taqbilx li ħadd ieħor għandu u l-Imsida le, Il Gvern ta' risposta ċara dwar ir-resident parking u li dawn mhux se jsiru.Il-Kunsill għandu jiffoka biex ir-residenti tal-Imsida li joqgħodu konfini ma jbatux u għandu jkun hemm ftehim u permess biex dawn ikunu jistgħu jagħmlu uzu mill parkeġġ go ta'Xbiex bħal dawk ir-residenti ta ta'Xbiex li jagħmlu użu min parkeġġ go l-Imsida.

2.5.12 Is-Sna Jude Sciberras tkellmet fuq drain pipes mil bjut għall fuq il bankini u gutters mkissrin
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn huma kolla privati biss trid ssir pressjoni biex dawn issiru għall taħt il-bankina iżda ma jistax jkun li joqgħod jagħmilhom il-kunsill.

2.5.13 Is-Sna Jude Sciberras tkellmet fuq il-karozzi pparkjati go l-stess post għall ħafna żmien u biex jiġu miġbuda.

Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li sakemm liċenzja ma tkunx skaduta dawn ma jista' ssir xejn fil waqt li kemm il-darba saru sejħiet biex ssir towing dan fil mument ma hux possibbli minħabba li l-kunsill jinsab infurmat li l-entitajiet responsabbli għandhom il-kompounds mimlija u dawn hemm proċeduri bil-liġi qabel ma jkunu Jistgħu jiddisponu min kull vettura li hemm maqbuda.

2.5.14 Is-Sna Jude Sciberras tkellmet fuq il-Bring in sites li jkunu mimlija.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li suppost dawn huma bis sensor u jindikaw meta jkunu mimlija iżda jekk wieħed jara li dawn huma mimlija dejjem jista' javża l-amministrazzjoni biex jagħmlu kuntatt mal-kuntrattur ħalli jiġi u jbattlu.

2.5.15 Is-Sna Jude Sciberras talbet biex jitnaddaf il-Ġibjun għax kollu aħdar u nemus.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-kunsill ġa talab u dan ġa qed jitbattal mid-dipartiment tal-WSC filwaqt li meta jkun vojt il-clensing jieħdu ħsieb it-tindif tiegħu.

2.5.16 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai talbet biex fejn ikun hemm laqgħat u attivitajiet jibda ssir il-kalendar invite.
Is-Segretarju Eźekuttiv ha nota.

**2.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

2.6.01 Il-laqgħa ntemmet fit-5:35 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 30 ta' Lulju fil- 05:30pm.

Minuti konfermati, illum 30 ta' Lulju 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |